Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

10831/22

LIMITE

CORLX 591
CFSP/PESC 865
MAMA 96
FIN 726

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu |

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/…**

**ta' …**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277[1] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu.

(2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 tapplika sal-31 ta' Lulju 2022. Abbażi ta' rieżami ta' dik id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi jiġu mġedda sal-31 ta' Lulju 2023.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1277 tat-30 ta' Lulju 2021 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libanu (ĠU L 277I 2.8.2021, p. 16).

*Artikolu 1*

L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/1277 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Lulju 2023 u għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Għandha tiġġedded, jew tiġi emendata kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi…,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC